# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis, 15 ta’ Lulju, 2021**

**Numru 8**

**Rikors Numru 1232/20TA**

**Joan Carabott (K.I 434757M)**

**vs**

**Savina Dental Clinic (C-40466)**

**u**

**Dr. Joseph Xuereb (K.I. 36963G)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuarmentat ta’ Joan Carabott (l-Attriċi) tat-23 ta’ Diċembru 2020 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:

> “1. Illi r-rikorrenti, irrikorriet ghas-servizzi tal-konvenuti u inkarigathom sabiex jezegwixxu interventi kirurgici f’halqha, liema interventi kienu jikkonsisti f’impjantazzjoni ta’ snin godda permezz ta’ interventi fil-hanek;

2. Illi dawn l-interventi saru f'sezzjonijiet diversi;

3. Illi ghal tali interventi kirurgici r-rikorrenti hallset dak kollu li gie mitlub lilha mill-konvenuti jew min minnhom;

4. Illi *pero*, konsegwenza diretta ta' dawn l-interenti, u tal-pariri professjonali zbaljati illi hija inghatat, ir-rikorrenti qed issofri minn ugiegh u saritilha hsara fi snienha u fil-hanek **u qed issofri minn dizabilita` permanenti**;

5. Illi l-attrici kellha ghalhekk tirrikorri ghand specjalisti ohra sabiex jippruvaw itaffuwlha l-ugiegh, filwaqt illi jirrangawlha l-problemi li kellha;

6. Illi r-rikorrenti garrbet *lucrum cessans*, kagun tal-fatt li, bhala effett dirett ta' l-interventi, sofriet debilita` permanenti u psikologika, riskontrata u accertata;

7. Illi r-rikorrenti inkorriet ukoll danni emergenti (*damnum emergens*) li jinkludu professuri u esperti medici, kif ukoll spejjez ta' medicinali, u telf u qliegh finanzjarju iehor, u dan kif se jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

8. Illi **d-debilita` sofferta minn l-attrici flimkien mad-danni konsegwenzjali, sehhet unikament b'tort u/jew negligenza, nuqqas ta' hila fl-ezercizzju tal-professjoni taghhom tal-konvenuti jew min minnhom** peress illi l-interventi ma sarux skont il-hila u professjoni;

9. Illi ghalhekk ghall-istess intervent u ghall-hlas tad-danni konsegwenzjali, huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom;

10. Illi l-konvenuti ghalkemm debitament interpellati anke permezz ta' ittra ufficjali datata hdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) hawn annessa u mmarkata bhala DOK 'A' sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni konsegwenza tal-imsemmi incident versu r-rikorrenti, baqghu inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu ntavolati dawn il-proceduri;

**Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:**

1. **TIDDIKJARA** illi r-rikorrenti Joan Carabott sofriet debilita permanenti u psikologika waqt u b'konsegwenza ta' interventi kirurgiku li sar fil-halq mill-konvenuti jew min minnhom u dan unikament b'tort, u/jew negligenza u/jew imperizja, u/jew nuqqas ta' tehid ta' mizuri necessarji tal-konvenuti jew min minnhom;

2. **TIDDIKJARA** illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghad-debilita` tar-rikorrenti Joan Carabott;

3. **TILLIKWIDA** d-danni hekk sofferti minn l-istess rikorrenti;

4. **TORDNA** lill-**konvenuti jew min minnhom** sabiex ihallsu lir-**RIKORRENTI** dik is-somma hekk likwidata, *occorendo* anke bin-nomina ta' Periti;

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittri ufficjali, u bl-imghaxijiet;

L-intimati minn issa ingunt in subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Savina Dental Clinic u Dr Joseph Xuereb li permezz tagħha wieġbu u eċċipew is-segwenti:

"1. Illi fl-ewwel lok, iż-żewġ eċċipjenti jgawdu mill-*privilegium fori* fir-rigward ta' din l-Onorabbli Qorti għaliex, kif jidher mir-rikors ġuramentat innifsu is-soċjeta` intimata għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fil-Gżira ta' Għawdex, mentri, kuntrarjament għal dak indikat fl-istess rikors ġuramentat, l-eċċipjenti Dr Xuereb huwa, u kien minn dejjem, residenti ġewwa Għawdex. Konsegwentement l-eċċipjenti jitolbu li din il-kawża tiġi rimessa quddiem il-Qorti kompetenti li għandha s-sede tagħha ġew Għawdex.

2. Illi fit-tieni lok, l-esponenti jirrilevaw li n-numru tal-karta ta' l-identita` ta' Dr Xuereb huwa indikat skorrettament għaliex in-numru korrett huwa G. Jista' jagħti l-każ li dan kien żball ġenwin da parti tar-rikorenti, imma jista' jagħti l-każ ukoll li sar b'intenzjoni f'tentattiv li tiġi radikata l-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti u dan għal diversi raġunijiet;

4. Illi mhux minnu li l-esponenti rrendew xi interventi jew taw pariri professjonali żbaljati;

5. Illi lanqas huwa korrett jingħad li r-rikorrenti sofriet xi danni bħala konsegwenza, diretta jew indiretta, ta' xi interventi jew pariri professjonali, żbaljati jew le, da parti tal-eċċipjenti;

6. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għas-suepost, kif ser jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, anki jekk, għall-grazzja tal-argument biss jista' jitqies li kien hemm xi nuqqas da parti tal-eċċipjenti (u dan jibqa' dejjem fermement ikkontestat) d-danni li qed titlob ir-rikorrenti huma gonfjati u esaġerati b'mod grossolan, u l-istess rikorrenti qegħdha titlob riżarċiment għal hekk imsejħa danni li ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-interventi li wettqu l-eċċipjenti;

7. Illi dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, din il-kawża ġiet ippreżentata intempestivament u għalhekk l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom f'kull każ jiġu akkollati fuq ir-rikorrenti. Infatti fil-korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti tramite l-avukati rispettivi tagħhom, l-esponenti konsistentement talbu lill-attriċi sabiex tispjega u tissostanzja t-talbiet tagħha u tippreżenta d-dokumentazzjoni kollha li hija neċessarja għal dan l-għan. Din il-korrispondenza ma ġietx skambjata "mingħajr preġudizzju", anzi għall-kuntrarju, l-esponenti għamluha ċara li, f'każ li l-attriċi tonqos milli tottempera ruħha mat-talbiet tagħhom f'dan is-sens, huma kienu ser jippreżentaw kopja ta' din il-korrispondenza fi kwalsiasi proċeduri ġudizzjarji li hija kienet ser eventwalment tippreżenta. L-attriċi stinatament baqgħet tirrifjuta li tiġġustifika t-talbiet astronomiċi tagħha, u għalhekk l-esponenti sabu ruħhom f'sitwazzjoni li sal-lum mhumiex f'pożizzjoni li jiddeterminaw jekk hemmx xi parti minn dawn it-talbiet li jistgħu jitqiesu li għandhom mis-sewwa u jidderieġu ruħhom sabiex jevitaw dawn il-proċeduri ġudizzjarji.

8. Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess, l-attriċi naqset saħansitra li tippreżenta xi forma ta' dokument li jista' b'xi mod isostni t-talbiet tagħha flimkien ma' dan ir-rikors ġuramentat; u dan ikompli jikkonferma kemm din il-kawża ġiet ippreżentata intempestivament u kemm l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu addossati fuqha.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

Rat li l-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 qablu li din il-Qorti tgħaddi biex tagħti deċiżjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-atti u dokumenti kollha;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

**1.** Il-konvenuti qegħdin jeċċepixxu l-*privilegium fori.* Artikolu 741(c) tal-Kap 12 jiddisponi li tista' tintqanqal il-kompetenza tal-Qorti meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari. Il-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta jiddisponi ukoll is-segwenti:

***767**. Il-benefiċċju msemmi fl-artikolu 741(ċ) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-Gżira ta' Malta rigward il-qrati ta' dik il-Gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-qorti ta' dawk il-Gżejjer.*

***768**.(1) Meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod Malta jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Għawdex; u meta l-għadd tal-konvenuti li joqogħdu fil-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna huwa akbar minn dak tal-konvenuti li joqogħdu f'Malta, kull wieħed mill-konvenuti li joqgħod fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna jista' jiċħad il-kompetenza tal-qorti ta' Malta.*

*(2) Meta waħda mill-partijiet tiċħad b'eċċezzjoni l-kompetenza tal-qorti, dik il-qorti ssir inkompetenti għall-partijiet kollha.*

**2.** Safejn jirrigwarda kompetenza abbażi tar-residenza tal-partijiet, ma hemm ebda dubbju, li li kieku dan kellu jkun l-uniku fattur, fid-dawl ta' dak

li jistipula l-artikolu 761(1) fuq imsemmi, din il-Qorti ma hiex kompetenti. Dan qiegħed jingħad għaliex iż-żewġ konvenuti għandhom jitqiesu li huma residenti fil-Gżira t'Ghawdex u dan kif jirrisulta mill-verbal li sar mill-partijiet fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 (a' fol14).

**3.** Pero' hemm ċirkostanzi li jekk jirrisultaw, dan il-privileġġ jispiċċa. Dan jista' jsir biss fil-każijiet ta' tlett espressamenti imsemmija fil-liġi (ara **Appell Ċivili fl-ismijiet John Borg -vs- Salvatore Bonnici, Qorti tal-Appell Ċivili tad-19 ta' Novembru 1954**).

**4.** L-Attriċi qed tinvoka f'dan ir-rigward l-artikolu 770 tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi li l-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, **skont il-ftehim**, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari (Emfażi tal-Qorti). L-Attriċi ssostni li l-interventi u servizzi ta' dentistrija ġew esegwiti fil-Gżira ta' Malta. Għalhekk il-Qrati Maltin huma kompetenti.

**5.** Il-konvenuti min-naħa tagħhom isostnu li din l-eċċezzjoni tista' biss tirnexxi jekk l-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni fi gżira jew f'oħra tkun imnissla minn ftehim u cioe' ex-contractu. F'dan il-każ, l-azzjoni li qed tkun esperita mill-Attriċi, hija dik extra kuntrattwali abbażi ta' artikoli 1031 et sequens tal-Kodiċi Ċivili. Il-konvenuti għalhekk jispjegaw li l-azzjoni hija wahda kważi-delittwali. Konsegwentement iċ-ċirkostanza ma hiex waħda minn dawk prevista f'artikolu 770 fuq imsemmi.

**6.** F'dan ir-rigward dawn il-Qrati jgħallmu li "*għall-finijiet tal-Artikolu 770 tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili anke meta l-kawża ma tkunx speċifikatament dwar obbligazzjoni li kellha tiġi esegwita fi gżira partikolari iżda tkun dwar vertenza li hija relatata ma' tali obbligazzjoni, din bħala aċċessorja għall-obbligazzjoni prinċipali għandha titqies fuq l-istess bażi, u għalhekk f'dan il-każ il-privilegium fori ma japplikax.*" (ara **Sentenza fl-ismijiet John Mary Grima -vs- Francis Cutajar et, deċiza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar 2013.**)

**7.** Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili jagħmilha ċara li kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat għad-danni. Dan l-artikolu ġie interpretat li jfisser li n-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali ġġib fis-seħħ l-effetti "sekondarji" tal-istess obbligazzjoni – jiġifieri l-effett li min jonqos li jwettaq dak li ntrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni li tkun ġarrbet il-parti li magħha kien intrabat (ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-10 ta' Ġunju, 2005 fl-ismijiet Emanuel Grech et -vs- Emanuel Muscat et**). Bosta huma l-effetti sekondarji jew kollatorali li tista' iġġib obbligazzjoni kontrattwali fost oħrajn danni subiti minħabba twettiq ħażin tal-obbligazzjoni partikolarment jekk din tkun tikkonsisti fil-provizjoni ta' servizz, bħal dak ta' dentistrija. Di fatti artikolu 1132(1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi dwar id-depożiti, id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-esekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi ħsieb il-ġid biss ta' waħda mill-partijiet*

*sew jekk tal-parti l-waħda u l-oħra, hija, f'kull każ, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl -artikolu 1032."*

**8.** Ma għandu jkun hemm ebda dubbju li f'kull kuntratt bħal dak mertu ta' din il-kawża, ċertament hija kundizzjoni impliċita li s-servizz irid jingħata skont l-arti u s-sengħa li min jipprovdih jimxi b'dik id-diliġenza bħal dik tal-*bonus pater familias* kif difatti jipprovdi l-artikolu preċitat. Kif osservat li l-Qorti ta' Kassazzjoni Taljana "*La condizione non deve essere necessariamente enunciate in termini espressi e con il suo esatto nomen iuris e` puo` anche` essere 'implicita' o 'tacita'; ma affenche` ricorra quest`ultima ipotesi, e` necessario che la effettiva volonta` di subordinare l`efficacia del negozio al verificarsi o al non verificarsi di un predeterminato evento, sia univocamente riconoscibile attraverso l`esame e l`interpretazione del contenuto sostanziale del negozio stesso".* (Ara **Corte di Cassazione Taljana deċiżjoni numru 1950 mogħtija fl-20 ta` Lulju, 1962, u f`deċiżjoni numru 1803 tas-6 ta` Ottubru, 1970**).

**9.** Dan kollu jwassal lil din il-Qorti għall-konkluzjoni li d-danni li qed titlob l-Attriċi huma effetti sekondarji u kollaterali għall-obbligu prinċipali naxxenti minn kuntratt li t-twettiq tiegħu kien fil-Gżira ta' Malta. Dan ifisser li bħala tali din taqa' fl-operat tal-artikolu 770 tal-liġijiet ta' Malta li jiddisponi li: *Il-privilegium fori jispiċċa wkoll, fil-każ li l-kawża tkun dwar obbligazzjoni li, skont il-ftehim, kellha tiġi esegwita fi Gżira partikolari.* F'dawn iċ-ċirkostanzi huwa perfettament applikabbli fis-Sentenza suċitata ta' **John Mary Grima**.

**Decide**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-vertenza billi **tiċħad l-ewwel eċċezzjoni** tal-konvenuti dwar il-*privilegium fori.*

Tordna għalhekk il-prosegwiment tal-Kawża.

Spejjes ta' dan l-episodju a' karigu tal-konvenuti.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**